**Kunsill Lokali**
**Għajnsielem**

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 19- L-Erbgha 16 ta' Dicembru 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2020 fl-16:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skuuzata** | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |

## 19.1 Talba

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti u ġew approvati

## 19.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

## 19.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

19.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal feedback u kummenti li kien hemm għas-serata ta' Ġieħ Għajnsielem li rriżulta li kienet waħda ta' suċċess. Ir-rebbieħ ta' Ġieħ Għajnsielem kien kuntent ħafna bil-premju u anke l-pubbliku wera li huwa kuntent bl-għażla li għamilna bħala Kunsill. Il-Kunsill qabel li s-serata ġol-knisja kienet sabiħa ħafna u l-fatt li għamilniha f'Jum Għajnsielem kienet ħaġa sabiħa ħafna.

19.4.2 Is-Sindku rrefera wkoll għall-inawgurazzjoni tas-Siġra tal-Milied bħala suċċes ieħor li ntlaqa' b' tifħir mill-Media u minn kulħadd. Ic-cerimonja tal-inawgurazzjoni rnexxiet wkoll. Huwa spjega kif is-siġra attirat il-media kollha u konna anke fi *front* u *back pages* ta' gazzetti ewlenin. Is-Sindku iddeskriva din l-attrazzjoni bħala unika u li titgawda faċilment minn kulħadd anke minn ġol-karozzi. Hawnhekk huwa rringrazzja lil-Viċi Sindku Franco Ciangura tal-ko-ordinazzjoni tal-proġett flimkien mal-voluntiera li ħadu sehem.

19.4.3 Is-Sindku għamel referenza għall-intervista li kellu fil-programm televiżiv 'Illum ma' Steph' fl-10 ta' Diċembru stess dwar ix-xogħolijiet u proġetti tal-Kunsill. Matul l-intervista s-Sindku kellu l-opportunita' li jagħti xi nformazzjoni dwar l-attivitajiet u ħidmet il-Kunsill. Il-preżentatriċi faħħret ferm il-ħidma tal-Kunsill.

19.4.4 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar għall-'Għajnsielem Learning Garden' ġie approvat u ser jinbeda l-proċess biex jinħargu l-offerti relatati kemm jista jkun malajr. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon din l-aħbar.

19.4.5 Is-Sindku rrefera wkoll għall-kompettizjoni Tal-BMX li ser issir nhar is-Sibt li ġej. Huwa stieden lill-kunsilliera sabiex ikun preżenti għall-premjazzjoni liema ħin eżatt għandu jkun komunikat lilhom appena jkollu l-informazzjoni.

19.4.6 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-Inawgurazzjoni ta' Triq Sant'Antnin li għaliha attenda l-Kunsill kollu. Huwa rrefera għal fatt li għad fadal xi *double yellow lines* xi jsiru pero qed jiġu diskussi ma' Transport Malta.

19.4.7 Is-Sindku rrefera wkoll għall-bidu tal-proġett tal-Interreg li jinkludi studji tal-kosta mix-Xatt sa' Ras il-Hobż. Malli nkunu nistgħu ser nippubblikaw l-offerti relatati.

19.4.8 Is-Sindku Kevin Cauchi nforma lill-kunsilliera li huwa ġie elett kunsillier fi ħdan il-Kuleġġ tal-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista (KKLPN) bħala rappreċentat t'Għawdex. Is-Sindku qal li l'hinn mill-politaka se jibqa jaħdem għal aħjar interess tal-Kunsilli Lokali u b'mod partikolari fejn jidħol Għawdex.

19.4.9 Is-Sindku rrefera għat-talba mid-Dipartiment fejn il-laqgħat jridu jibdew jiġu rrikordjati. Sfortunatmaent huwa rikjest li ninvestu f'sistema li tiswa €1200 fis-sena. Il-Kunsill qabel li għandna naraw mar-Reġjun Għawdex sabiex naraw nistaw nakkwistaw prezz komppetitiv bejn il-Kunsilli kollha u jkolna sistema uniformi u bi prezz aħjar.

19.4.10Is-Sindku spjega kif illejla ser jiġu l-għaqda tal-'Happy Parenting Malta for Happier Children' biex iwasslu l-messaġġ tagħħhom. Filfatt aktar tard fil-laqgħa ngħaqdu magħna il-kap ta' din l-NGO u wara l-kunsilliera ħadu ritratt tal-okkazzjoni flimkien.

19.4.11 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-ittra mingħand il-Comune ta' Loreto biex nibdew gemellaġġ, kulturali, u reliġjuż flimkien. Huwa rrefera għal din l-inizjattiva bħala waħda pożittiva ħafna u rrakommanda li għandna nilqgħuha bil-ħerqa. Il-Kunsill laqa' din l-aħbar pożittiva u sar qbil li għandna nikkonfermawlhom l-parteċipazzjoni tagħna u li għandna nibdew it-taħdidiet kemm jista jkun malajr.

## 19.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

19.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg rrefera għall-ħtieġa ta' *container* biex jintuża bħala *storage* għat-trakka tar-roti. Sar qbil li għandna nressqu talba lis-Segretajat tal-Isports biex jiffinanzjawlna dan u nispjegawlhom il-ħidma tagħna lejn l-isports kif ukoll l-Awards li ħadna f'dan il-qasam.

19.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca fakkar fil-ħtieġa urġenti sabiex jinbeda l-proġett tat-taraġ ta' Triq Sant'Antnin li ġie approvat riċentament mill-Kunsill. Is-sindku qali war ail-festi tal-Milied dan se jingħata l-attenzjoni meħtieġa.

19.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca fakkar ukoll sabiex isir il-*mayor patching* meħtieġ f'ċertu toroq. Is-Sindku spjega kif ilna ħafna niġru wara l-Perit biex jippreparalna l-i*specificatons* biex inkunu nistgħu nippublikaw it-tender.

19.5.4 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex nagħmlu Reserved Parking għad-Dar Parrokjali fi Pjazza Indipendenza. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u li għandna ngħaddu t-talba lill-Transport Malta.

19.5.5 Il-kunsillier Teddy Saliba enfasizza dwar il-ħtieġa li ninstallaw xi *solar lights* fuq it-trakka tar-roti tal-BMX. Sar qbil li għandna nippruvawhom u naraw jekk ikunux effettivi.

19.5.6 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għal fatt li kien qed jitkellem mas-Sindku ta' Tolfa u kellmu dwar il-ġebla li ser tingħab minn Tolfa biex titpoġġa fi Pjazza Tolfa. Qallu li qed jipproġettaw li jittrasportawha wara l-festi tal-Milied.

19.5.7 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għall-brazzi tad-dawl li hemm quddiem il-Knisja ta' Sant'Antnin u għadhom mhumiex jixgħelu. Is-Sindku spjega kif hemm xi problema u ser tissolva billi ssir trinka zgħira biex jgħaddu able tad-dawl mill-ġdid.

## 19.6 Korrispondenza

19.6.1 Saret referenza għall-ittra li rcevejna dwar l-appell tas-sheep farm u għal fatt li s-seduta ser tiġi diferita għas 16 ta' Marzu.

19.6.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca faħħar ix-xogħolijiet li saru fuq Triq Sant'Antnin mill-Ministeru għall-Għawdex. Huwa fakkar li Triq Patri Maria Cesal kienet ser issir, pero sirna nafu li dik it-triq hija kwazi kollha kemm hi privata.

19.6.3 Ġiet trattata l-ilttra mingħand l-Avukat Chris Said f'isem il-klijenta tiegħu Amanda Abela fejn talab lill-kunsill sabiex iħallas il-kont pendenti mal-Vodafone għall-użu li kienet tagħmel l-eks Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonsulta mal-Avukat Dr Larry Formosa li kien afdat mill-Kunsill b'dan il-każ sabiex jipprepara t-tweġiba għal din l-ittra peress li l-Kunsill ma għadx fadallu kontijiet pendenti.

19.6.4 Ġiet trattata t-talba mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Qigħan, sabiex tiġi nstallata *sleeping policeman* fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li peress li fi Triq il-Qigħan diġa hemm waħda idejalment tiġi evitata li jkun hemm aktar speċjalment jekk jkunu ta' inkonvenjent għar-residenti tal-blokka kollha ta' fejn qed issir it-talba.

19.6.5 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta fi Triq Malta sabiex ngħaddu pipe minn taht il-madum tal-bankina tagħha. Sar qbil li dan għandu jsir.

19.6.6 Ġiet trattata t-talba għal *disabled parking* fi Triq Hamri. Il-Kunsill qabel li f'din it-Triq hemm diġa problema ta' nuqqas ta' parkeġġ u għalhekk it-talba għandha ssir għal *communial disable parking bay.*

19.6.7 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq Hamri sabiex tinbidel sleeping policeman li hemm f'din it-triq peress li nqassmet. Il-Kunsill qabel li għandha tinbidel.

19.6.8 Ġiet trattata t-talba mingħand resident għal disabled parking bay fi Triq il-Gudja. Din it-talba ġiet aċċettata.

19.6.9 Ġiet trattata t-talba mingħand resident għall-disabled parking bay fi Pjazza 10 ta' Diċembru. Is-Sindku qal li se jkun hemm tlett *communial disable parking bays* fit-traffic management ġdid ta' din il-pjazza.

19.6.10 Ġiet trattata t-talba mingħand resident biex ir-rampi ta' quddiem il-garaxxijiet fi Triq Wied ir-Rgħajjes isiru bil-madum jew *bricks.* il-Kunsill se jara eżattament x'tip ta' xogħol huwa rikjest.

## 19.7 Attivitajiet tal-Milied 2020

19.7.1 Is-Sindku għamel referenza għat-tizjin tat-toroq għal Milied li ntlaqħu tajjeb ħafna. Huwa spjega kif din is-sena żidna tiżjin fi Pjazza Tolfa, fi Triq il-Ġnien, Triq iż-Żewwieqa kif ukoll il-Belvedere ta' Triq Hamri. Huwa spjega kif ir-residenti apprezzaw ferm li xegħlna wkoll il-barra mill-Pjazza. Huwa rrefera wkoll għat-tiżjin li sar mill-ħaddiem tagħna Josef Camilleri speċjalment il-ballun li ntrema' fi Pjazza Indipendenza. Is-Sindku spjega sabiex sar dan mal-ħin, Josef Camilleri kien jinħtieġ li jaħdem *overtime*. Il-Kunsill qabel li għandu jħallsu tal-ħin extra li wettaq u faħħru tal-ħidma dedikata tiegħu. Is-Sindku rringrazzja wkoll lil-kunsillier Teddy Saliba li żejnilna l-uffiċini tal-Kunsill anke bi presepju privat tiegħu. Huwa enfasizza li l-iskop wara dan kollu huwa li nagħmlu minn kollox biex noħolqu spirtu tal-Milied peress li din is-sena mhux ser ikun hawn attivitajiet tal-massa.

19.7.2 Kif ġie diksuss fil-bidu ta' din il-laqgħa, s-Siġra tal-Milied intlaqgħet tajjeb ħafna peress li tista titgawda minn kulħadd anke mill-kumdita' tal-karozza tiegħu.

19.7.3 Is-Sindku rrefera għall-attivitajiet li għandna mħejjijin għall-anzjani; dik ta' żjara minn wara t-tieqa u wkoll it-tqassim ta' ikla b'xejn iffinanzjata mir-Reġjun Għawdex f'nhar il-Milied għal dawk li jgħixu waħidhom. Sabiex isir t-tqassim tagħhom jinħtieġ li nsibu persuna li takkumpanja lill-kuntrattur. Il-Kunsill qabel li għandu javviċina lis-Sur Anthony Grech u naraw jaċċettax jew xi ħadd mil-Legjun ta' Marija.

19.7.4 Bħala attivitajiet għat-tfal sar qbil li fl-aħħar ġurnata tal-iskola qabel il-vaganzi tal-Milied inqassmulhom borża ħelu u ser ikollna wkoll dawra mar-raħal b'Santa Clause nhar it-22 ta' Diċembru permezz taż-żiemel u dawra mar-raħal bit-train nhar it-23 ta' Dicembru sabiex innisslu atmosfera ta' ferħ f'dawn il-mumenti partikolari.

## 19.8 Ħatra ta' Deputat Segretarju

19.8.1 Il-Kunsill qabel li għandu jinnomina lill-Assistent Prinċipal Joseph Ciantar sabiex jinħatar bħala Deputat Segretarju tal-Kunsill t'Għajnsielem.

## 19.9 Laqgħa Pubblika

19.9.1 Il-laqgħa pubblika inżammet wara l-laqgħa tal-Kunsill. Matulha is-Sindku Kevin Cauchi ta rapport dettaljat ta x'wettaqna din is-sena u x'għandna pjanat għas-sena ddieħla. Il-Kunsilliera wkoll preżentaw ir-rapport ta' ħidma tagħhom. Ħadd ma' attenda għal din il-laqgħa u ma kien hemm l-ebda registrazzjoni. Il-laqgħa xxandret *online*. Kopja tar-rapport tal-laqgħa u rapporti ta' ħidma tal-kunsilliera huma annessi ma' dawn il-minuti.

## 19.10 Materji oħra

19.10.1 Is-Sindku rrefera għall-problemi kbar li qed jiġu kkaġunati dwar il-management tal-annimali li għandna f'Ta' Passi. Huwa spjega kif hemm ħafna voluntiera iżda mid-dehra dawn qed ikollhom xi jgħidu flimkien u qed joħolqu ħafna problemi fit-tmexxija u saħansittra qed jiddettaw huma x'għandu jsir u ma jsirx. Is-Sindku għamel referenza b'mod partikolari għall-ħmara Bianca li hemm żewg barranin li qed jieħdu ħsiebha. Dawn għamlulha xi testijiet medici u rriżulta li ghandha certu kundizzjonijiet serji u li jinhtieg li din tinżamm minn sid wiehed biex ikollha dieta regolarizzata ghax inkella tista titlef ħajjitha. Is-Sindku spjega li kkuntatja lil sidha u spjegalu b'din is-sitwazzjoni u aċċetta li jeħodha lura hu iżda xorta nkunu nistgħu nġibuwa għal attivita ta' Bethlehem f'Għajnsielem meta jkun meħtieġ. Sar qbil wkoll li jitnaqssu aktar annimali minn Bethlehem sabiex ikun aktar prattiku li l-voluntiera jieħdu ħsiebom.

19.10.2Is-Sindku rrefera għal fatt li mill-iskema li ħadna tal-LC Care 2020, il-kunsill ingħata is-somma ta' €8000 taħt l-iskema ta' LC Care u minnhom nistghu nuzaw sabiex nimpjegaw persuna li tiehu hsieb il-qtates. Is-Sindku spjega wkoll li hemm possibilta wkoll li jkollna persuna nkarigata mill-maintenance tal-post minn xi entita' tal-gvern. Il-Kunsill kemm il-darba għamel talbiet simili sabiex jkollna ħaddiema li jieħdu ħsieb Ta' Passi minħabba l-manutenzjoni kbira li dan il-park jinħtieġ fuq bażi regolari.

19.10.3Saret referenza ghall-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ghas-sena 2021 li ser tkun €399,470.

## 19.11 Approvazzjoni tal-Pagamenti

19.11.1 Is-Segretarja prezenta l-iskeda tal-pagamenti u gew approvati ghall-hlas.

## 19.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

19.12.1 Il-laqgħa intemmet fit-7:30pm u giet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar 2021 fl-4:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**